MALTA

ATT Nru. X ta' l-1984

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa, Kap. 148.

ACT No. X of 1984

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Department of Health (Constitution) Ordinance, Cap. 148.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

11 ta' Mejju, 1984

ATT Nru. X ta' l-1984

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa, Kap. 148.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1984 li jemenda l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 39 tal-liġi prinċipali.

2. Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 39 tal-liġi prinċipali għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Kull membru ta' korp li jassenti ruħu minn tliet laqgħat konsekuttivi ta' dak il-korp mingħajr raġuni ġusta u mingħajr ma jagħti avviż tagħha bil-miktub lill-President jew liċ-*Chairman*, skond il-każ, qabel jew minnufih wara laqgħa ta' dak il-korp, għandu jitqies li jkun irriżenja mill-kariga tiegħu u ma jkunx jista' jiġi elett darb'oħra qabel ma tgħaddi sena.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 172 tad-9 ta' Mejju, 1984.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati